# IT-TIENI PARTI

# QORTI ĊIVILI — PRIM'AWLA

**31 ta' Jannar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

**Paul Mercieca, A. & C.E.**

*versus*

**Nutar Dr. Vinvenzo Gatt ne.**

**Taxxa tas-Suċċessjoni — Konsolidazzjoni tal-Użufrutt — Art. 92(1) tal-Kap. 70.**

*Meta tmut persuna li kienet tippossjedi l-użufrutt ta' fondi provenjenti minn fontijiet diversi u għalhekk topera ruħha l-konsolidazzjoni tal-użufrutt man-nuda proprjetà favur il-persuni li kellhom din il-proprjetà nuda, il-valur tal-konsolidazzjoni, u kwindi l-likwidazzjoni tat-taxxa tas-suċċessjoni fuq dik il-konsolidazzjoni, għandhom jitqiesu mhux billi jiġu kunsidrati bħala assi uniku u waħdani dawk il-konsolidazzjonijiet, u tiġi kalkulata t-taxxa fuq l-ammont kollu tagħhom flimkien, imma billi kull konsolidazzjoni tiġi kunsidrata għaliha weħedha u t-taxxa tiġi kalkulata fuq l-ammont hekk meqjus.*

*Dawn id-devoluzzjonijiet li k'en investit bihom l-użufruttwarju bla ebda poter li jiddisponi minnhom ma' mewtu, u li joħorġu mill-assi patrimonjali tiegħu mad-deċess tiegħu, għandhom ikunu kunsidrati bħala assijiet separati u distinti mill-assi tad-decujus, suġġetti għat-taxxa fuq l-assi a karigu ta' min tgħaddi fih il-konsolidazzjoni, u għat-taxxa tas-suċċessjoni regolabbli skond rati varjanti dipendenti mill-grad ta' parentela tad-debitur tat-taxxa mal-użufruttwarju.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li jippremettu illi, billi Elena armla ta' Ruggero Borg, li mietet fis-16 ta' Jannar 1955, ħalliet, barra minn beni ta' proprjetà tagħha, beni li kienet tippossjedi b'użufrutt lilha mħolli minn Costantina Borg u beni oħra b'użufrutt lilha mħolli minn żewġha Ruggero Borg bit-testment tiegħu fl-

attijiet tan-Nutar Luigi Gauci tal-31 ta' Ottubru 1917 (dok. A), u l-proprjetà ta' dawn il-beni, meta spiċċa l-użufrutt ta' Elena Borg, iddevolviet "per intermedias personas" a favur tal-atturi (dok. B), mentri l-proprjetà tal-beni provenjenti minn Costantina Borg, skond it-testment tagħha fl-attijiet tan-Nutar Angelo Cachia tal-15 ta' Diċembru 1926 (dok. C) iddevolviet a favur tan-neputijiet tagħha Grazia u Giuseppina aħwa Camilleri; u billi dawn il-beni, skond il-provenjenza rispettiva tagħhom, jiffurmaw kull grupp ta' beni assi għalieh; u billi, non ostanti l-protesti tal-atturi, il-konvenut ikkunsidrahom u ntaxxahom bħala assi uniku (dok. D u E); premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, talbu li jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmija be devoluti a favur tal-atturi minn l-assi ta' Ruggero Borg għandhom jiġu kunsidrati u taxxati bħala assi separat mill-beni oħra li ġew devoluti a favur ta' Grazia u Giuseppina Camilleri mill-assi ta' Costantina Borg, u kwindi l-likwidazzjoni tat-taxxa magħmula mill-konvenut tiġi riveduta u korretta analogament, u jiġi l-konvenut kundannat iħallas u jirrestitwixxi lill-atturi l-eċċess li jirriżulta li kienu ħallsu. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li biha qal illi l-konsolidazzjonijiet tal-użufrutt imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni ġew sewwa kunsidrati għall-fini tal-likwidazzjoni tat-taxxa fuq l-assi u fuq is-suċċessjoni bħala assi wieħed, ċjoè bħala devoluzzjoni unika li ġiet mill-mewt ta' Elena Borg fis-16 ta' Jannar 1953 (u mhux 1955, kif erroneament indikat fl-att taċ-ċitazzjoni), u għalhekk id-domandi dedotti fl-istess ċitazzjoni huma infondati fil-liġi, u għandhom jiġi miċħuda; bl-ispejjes;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi qabel xejn jingħad li f'materja ta' liġijiet tributarji, bħal ma hija ndubbjament il-Liġi tat-Taxxa tas-Suċċessjonijiet u Donazzjonijiet. l-interpretazzjoni tagħhom għandha ssegwi r-regoli tal-ermenewtika, l-ewwel grammatikali u letterali (ara Appell 7 ta' Diċembru 1921

"Manchè vs. Huber ne.", u Appell "Ferranti Darbois vs. Huber ne." 14 ta' Diċembru 1921), u fit-tieni lok loġika, li *minnhom jiġu deżunti l-ispirtu u l-kliem tal-istess liġi;* u fil-każ ta' dubju u oskurità tal-istess liġi dwar l-estensjoni tal-imposta, dan l-istess dubju għandu jiġi pjuttost riżolut f'sens affermattiv, għar-raġuni li f'liġijiet simili huwa nieqes l-element tal-odjożità u penalità, in kwantu l-istess normi leġislattivi li fuqhom qegħdin nitkelmu huma ispirati mill-konċett tal-ugwaljanza taċ-ċitadini, skond u in proporzjon tal-ġid tagħhom fil-konkors dwar il-piżijiet tal-Istat, *li għandu taħt idejh it-treġija* tal-kondizzjonijiet vitali tal-ġid ġenerali tal-kommunità (ara Dr. Giovanni Vignali, *Le Tasse* di Registro nella *Teoria* del Dirtto *Positivo* Italiano, Vol. 1, mill-paġ. 130 sa 135, Ediz. Milano, Soc. Edit. Libraria 1907 u 1908; u Avukat Paolo Clementini, Leggi sul Registro Annotato, Vol. I, paġ. XXXII Prenozioni paragrafo 6, Tip. Edit. Torinese 1907; u Giuseppe Nina, Monografia sulla Tassa di Registro paragrafo 14 bis, 1913; u Cavaliere Luigi Princivalle, Volume II, parag. 7. Le Tasse di Registro, Torino, Fratelli Bocca editori, 1899);

Jingħad ukoll li l-ekwità ma għandhiex raġuni li tiġi eżerċtata fl-interpretazzjoni tal-liġijiet "in materia"; l-għaliex hija l-liġi li għandha tiġi operata. Din l-istess liġi, li ħafna drabi tiddipartixxi mir-regoli tad-dritt Komuni, ma timplikax, però, li dan l-aħħar Dritt imsemmi, f'każi ta' xi materji kontroversi u mhux preveduti fil-liġi speċjali, jiġi jitlef l-effikaċja tiegħu; anzi, skond id-dritt u l-loġika *(għaliex l-indoli ta' din il-liġi speċjali timponi li tkun applikata skond l-idejiet u l-metodi li jirregolaw id-Dritt Ċivili,* li huwa l-gwida fil-ġudizzju prattiku tal-kwistjonijiet li jipprezentaw ruħhom fl-applikazzjoni tat-taxxa, fejn u meta ma jkunx b'xi esplicita u speċjali dispożizzjoni derogat), l-istess għandu jibqa' japplika in forza ta' dik l-istess ugwaljanza li l-partijiet għandhom li jirregolaw l-interessi tagħhom, u li jipproteġu l-istess drittijiet li jkollhom quddiem il-Qorti. Del resto, fil-liġi tagħna dan hu rikonoxxut, apparti mill-fatt li l-kulturi ta' din ix-xjenza jsostnu kollha dan *il-prinċipju, mill-art. 50(1) tal-Kap. 70;*

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit dan li hawn fuq intqal, jingħad li l-fatti li taw lok għall-kawża odjerna huma dawn li sejrin jiġu relatati;

Elena armla minn Ruggero Borg, li ġiet nieqsa għall-ħajjin fis-16 ta' Jannar 1953, apparti mill-beni partikulari tagħha li kellha, kienet ġiet minn oħtha Costantina Borg mart Emmanuele, li mietet f'Marzu 1933, b'testment "unica charta" magħmul fl-attijiet tan-Nutar Angelo Cachia tal-15 ta' Diċembru 1926 (dok. C fol. 19 tal-proċess), aġġuntiv għal testment ieħor minnhom magħmul fl-attijiet tan-Nutar Francesco Giorgio Schembri tas-16 ta' Ġunju 1921, nominata użufruttwarja f'terza parti tal-assi tagħha ereditarju, b'dan li l-kwota mħollija kif fuq intqal kellha, wara l-mewt tagħha, tgħaddi lill-eredi universali minnha istitwiti, u ċjoè lil Grazia u Giuseppina aħwa Camilleri, tfal ta' ħuha Salvatore Camilleri. L-istess Elena mart Ruggero Borg kienet tipposjedi wkoll beni in użufrutt li kienu ġew lilha mħollija mill-istess żewġha bit-testment tiegħu fl-attijiet tan-Nutar Luigi Gauci tal-31 ta' tOtubru 1917 (dok. A fol. 6 tal-proċess); liema beni kienu mit-testatur ġew imħollija in proprjetà lill-ħutu Michel'Angelo Borg u Emmanuele Borg, terz kull wieħed, u t-terza parti l-oħra lil Marianna armla minn Andrea Farrugia, bis-sostituzzjoni volgari reċiproka a favur tagħhom stess fil-każ li xi wieħed minnhom ma jkunx jista' jew ma jkunx irid jaċċetta l-kwota tiegħu, u ma jkollux tfal jew dixxendenti mwielda jew li jitwieldu l-quddiem, u favur ta' dawn l-aħħar fil-każ li ma jkollhomx tfal. L-atturi, mhux in kontestazzjoni, skond l-arblu ġenealoġiku (dok. B) eżibit, jitnisslu mill-eredi fuq imsemmija tad-decujus Ruggero Borg;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti relatati fuq mhumiex in kontestazzjoni bejn il-kontendenti. Il-kwistjoni li qegħdha taġita ruħha fil-kawża odjerna tista' tiġi rijassunta f'dan li sejjer jingħad;

Meta ġiet nieqsa għall-ħajjin Elena armla Borg, il-kon-

venut nomine, wara li ssepara l-beni partikulari ta' Elena armla minn Ruggero Borg, u li l-istess kienet tippossjedi "in piena proprietà", biswar dawk il-beni li hija kienet tippossjedi "in usufrutto", u li kienu provenjenti minn fontijiet testamentarji diversi, u li dwarhom, dawk provenjenti minn oħtha Costantina Borg nee Camilleri in-nuda proprjetà kienet tappartjeni lill-imsemmija Grazia u Giuseppina ulied Salvatore Camilleri, u dawk provenjenti minn żewġha Ruggero Borg, li n-nuda proprjetà tagħhom "per intermedias personas" kienet għaddiet fl-atturi, ikkunsidrahom u kkalkulahom, għall-finijiet tax-taxxa, bħala assi uniku u waħdani, b'mod li l-"estate duty" ġiet, fil-kalkolu kif sar, aktar milli kienet tiġi kieku ġew maqsuma fuq żewġ assijiet separati. Infatti, waqt li l-valur tal-konsolidazzjoni li saret a favur tal-atturi kienet ta' £716. 4. 10, u kwindi inferjuri għal £1000, il-konvenut nomine żied dik is-somma (£716. 4. 10) mas-somma ta' £2132. 5. 1, valur tal-konsolidazzjoni li saret favur l-eredi ta' Costantina Borg, b'manjiera li ġiet superata s-somma ta' £1000, u b'dan il-mod mhux biss żdiedet il-perċentwali tat-taxxa tal-"estate duty", imma l-konsolidazzjoni ġiet kunsidrata bħala suġġetta għat-taxxa tas-suċċessjoni wkoll, u b'hekk ġiet kalkulata bil-perċentwali ta' 12%, mentri din, skond il-liġi, ma hix dovuta fil-każ illi l-valur tal-proprjetà oġġett tal-konsolidazzjoni ma jissuperax l-£1000. L-atturi, li ħallsu t-taxxa kif fissata bir-riżerva li jġibu l-quddiem il-kawża preżenti, jippretendu li l-konsolidazzjoni tal-użufrutt favur tagħhom hija assi separat mill-konsolidazzjoni operata favur l-eredi ta' Costantina Borg, u li in konsegwenza, mentri l-likwidazzjoni tat-taxxa, fuq l-assi kif magħmula mill-konvenut nomine hija erronea u eċċessivament taxxata, it-taxxa tas-suċċessjoni mhix dovuta, skond it-tieni skeda, l-għaliex ma tissuperax l-£1000;

Ikkunsidrat;

Illi in tema legali partikulari jista' jiġi affermat illi l-liġi mdaħħla taħt il-kopja tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta tikkontempla żewġ kategoriji ta' taxxa, u ċjoè l-"estate tax", li tikkolpixxi l-eredità bħala unità globali, u s-"succession duty", li hija bażata fuq il-grad ta' konnes-

sjoni bejn id-deċujus jew donanti mill-parti l-waħda, u l-eredi, legatarju u donatarju, mill-parti l-oħra;

Illi fl-art. 3 ta' dik l-istess liġi l-leġislatur enunċja l-prinċipju ġenerali li għandu jirregola l-applikabbilità ta' dak l-istess statut, li in segwitu applika fid-dettall tal-każijiet kontemplati fl-art. 51, 80, 86, 87 u 97, mentri fl-art. 4 minnu ġew kompriżi każijiet għall-estensjoni ta' dak il-prinċipju lil ċerti istituti ġuridiċi li għall-finijet tat-tassazzjoni jistgħu u setgħu jipparifikaw ruħhom lit-trasferimenti "causa mortis" jew "inter vivos" b'titolu gratuwitu, u għall-każijiet oħra, sabiex tiġi prevenuta l-evażjoni jew interpretazzjoni kuntrarja għall-ispirtu jew għall-prinċipju predominanti fl-istess liġi;

Illi fl-art. 4 (1) (a) huma kunsidrati bħala trasmissjonijiet tassabbli anki l-konsolidazzjonijiet tal-użufrutt mannuda proprjetà, tkun xi tkun il-kawża, basta li tavvera ruħha mhux per mezz ta' att oneruż, salv dak li jingħad eċċezzjonalment dwar it-trasferimenti tal-konsolidazzjoni tal-użufrutt għall-perijodu ta' għaxar snin li jkun baqa' jew anqas ta' karattru oneruż imsemmi f'dak is-subparagrafu; liema "proviso" ma jinteressax il-kawża odjerna;

Illi minn dan id-dispost jidher li l-leġislatur, fil-każ li n-nuda proprjetà tiġi akkwistata b'suċċessjoni jew donazzjoni, ma kellux l-intenzjoni jaggrava bit-taxxa immedjata lill-kontribwenti anki bil-godiment inerenti għall-proprjetà, li ma jkunx għadda immedjatament f'idejh mit-titolu li minnu tkun tnisslet, imma wera ċar li ried jimponi l-perċezzjoni tal-imposta f'żewġ stadji, u ċjoè wieħed mat-trasmissjoni tal-proprjetà svestita mill-ġodiment, "nuda proprietas" u l-ieħor mal-mewt ta' min kien qiegħed igawdi l-użufrutt, ċjoè mal-konsolidazzjoni tal-użufrutt fin-"nudus proprietarius"; b'mod li ġie jafferma l-karattru komplementari tal-imposta ta' konsolidazzjoni, l-għaliex l-istess, kif hu risaput u ritenut mid-dottrina "in subjecta materia", hija parti tal-imposta ta' trasferiment, u tintegra dik l-istess imposta, jew dak l-istess tribut, li jkun ġie mħallas mat-trasmissjoni tan-nuda proprjetà;

Illi dan il-fatt, rikonoxxut fid-dritt in materja, inissel miegħu fatt jew rapport ġuridiku ieħor, u ċjoè r-rabta jew vinkolu dirett tal-kontribwenti, proprjetarju nudu, li fuqu huwa riversat il-ħlas tat-taxxa tal-konsolidament tal-użufrutt, mat-trasmissjoni jew suċċessjoni tal-persuna deċessa li tkun iddisponiet sew minn "nuda proprietas" kemm mill-użufrutt, u mhux ġa mal-użufruttwarju, kif del resto huwa stabbilit fid-Dritt Ċivili. Fil-verità jingħad li l-ġurisprudenza in materja taqbel ma' dan il-ħsieb u din il-konklużjoni. Infatti, il-Qorti tal-Appell ta' Torin, fil-kawża "Fiacchetti vs. Tonello". deċiża fl-ewwel ta' Frar 1911 (Diritto Finanziario paġ. 605, u Rivista Tributaria paġ. 596, riportata fir-Repertorio di Giurisprudenza Italiana Volume XIII, paġ. 482, taħt it-Titolu "Tassa Successione", no. 3) affermat li:— "La tassa di consolidazione dell'usufrutto alla nuda proprietà non fa parte della successione dell'usufruttuario decesso, ma di quella del primitivo decujus, che dispose della nuda proprietà dei suoi beni";

Illi l-liġi speċjali "de qua dicimus", fl-ewwel erbgħa titoli (Tit. I "Estate Duty", Tit. II "Succession Duty", Tit. III "Legacy Duty") tikkontempla trasferimenti ta' beni "causa mortis" sew a titolu universali sew a titolu partikulari, tant fil-każi li jkun tali in forza tad-Dritt Ċivili, kemm jekk l-istess beni ġew parifikati għall-finijiet u effetti tal-istess liġi tributarja; imma tirrigwarda dejjem beni li min ikun ġie nieqes seta' jiddisponi minnhom, jew li għall-finijiet tal-istess liġi speċjali huma kunsidrati bħala suġġett ta' rinunzja mill-parti tal-persuna li tkun ġiet nieqsa għall-ħajjin waqt li tkun għada ħajja a favur ta' persuna li tkun kunsidrata bħala eredi jew legatarju, jew li jkunu ġew donati mill-mejjet f'ħajtu għal wara mewtu; liema trasmissjonijiet ta' beni "causa mortis" per mezz ta' att' "inter vivos" huma ekwiparati għall-att tas-suċċessjoni. Fit-Titolu IV tal-istess liġi ("Duties on Devolution of Usufruct or other Enjoyment etc. — ara paġ. 1957 Kap. 70 Vol. IV tal-Ediz. Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta) huma kontemplati beni oħra li l-mejjet seta' jkun jippossjedi, li dwarhom ma kellux il-fakoltà li jiddisponi minnhom, u li bil-mewt tiegħu kellhom jippervjenu lil determinati persuni

indipendentement mill-volontà tal-mejjet (waqt il-ħajja tiegħu), jew minn xi dispożizzjoni tal-liġi;

Dawn it-trasmissjonijiet ta' beni fuq kwalifikati, li d-dritt tagħhom jinsab fit-titolu li jkun ħoloqhom, bil-mewt ta' persuna li tiġi nieqsa, u li tkun gawdiethom fil-ħajja bla fakoltà li tiddisponi minnhom, ji spjegaw l-effikaċja tagħhom; fi kliem ieħor, id-dritt li jkun eżistenti fil-benefiċjat, bil-mewt ta' min ikun qiegħed igawdihom, isir effikaċi u effettiv. Dwar dawn il-beni, il-liġi partikulari, fis-sezzjoni 86 tipprovdi li għandhom jiġu kunsidrati bħala assi distint u separat mill-assi patrimonjali tal-persuna li tkun ġiet nieqsa. Dan id-dispost fuq ċitat għandu jiġi allaċċjat u kunsidrat mas-sezzjoni l-oħra tal-istess liġi, in forza tal-prinċipju interpretattiv tat-"tota lege perspecta", mad-dispost 56(2) tal-istess statut, fejn hija disposta l-likwidazzjoni tat-taxxa fuq l-assi, li għandha tiġi determinata fuq il-ġabra kollha tal-beni suġġetti għat-taxxa li flimkien jagħmlu l-assi kollu tal-mejjet, u li minnhom huwa (il-mejjet) kien jista' jiddisponi fiż-żmien tal-mewt tiegħu, b'esklużjoni ta' dawk il-beni li jispiċċaw jew li joħorġu mill-patrimonju tiegħu ma' mewtu. Fis-sezzjoni 87 tal-istess liġi, mbgħad, l-istess leġislatur ippartikolareġġja l-konsolidazzjoni tal-użufrutt man-nuda proprjetà, u mpona r-regola ġenerikament apposta fid-disposti ta' qabel inpartikulari għall-każ, fost oħrajn, tal-konsolidazzjoni tal-użufrutt mal-proprjetà nuda, billi ddispona li l-istess beni li jkollhom jiġu konsolodati għandhom jiġu kunsidrati bħala assi distint u separat minn dak partikulari tal-użufruttwarju li jkun ġie nieqes għall-ħajjin. Huwa evidenti li dan sar mill-leġislatur, l-għaliex il-beni li ma setgħax jiddisponi minnhom it-titolar (użufruttwarju) mal-mewt tiegħu joħorġu mill-patrimonju tiegħu u jgħaddu f'persuni oħra mgħajjta għalihom mid-deċujus, li jkun ħoloq bit-titolu d-dritt tagħhom, u ma jiddixxendux mis-suċċessjoni tat-titolar, li minnu ma setgħux jitnisslu, la in virtù ta' testment u lanqas in forza ta' suċċessjoni leġittima. Del resto, kienet tkun inġustizzja naturali, pależi u ċara, kieku l-leġislatur iddispona li l-beni li ma setgħax jiddisponi minnhom l-użufruttwarju kellhom jiġu kunsidrati bħala parti mill-assi patrimonjali tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi minn dan li fuq intqal jitnissel:—

1. Illi l-liġi speċjali tagħmel differenza dwar it-trasmissjonijiet jew devoluzzjonijiet ta' proprjetà "causa mortis" bejn (a) il-beni proprji u partikulari tad-decujis, u li seta' jiddisponi minnhom għal wara mewtu, u (b) dawk l-istess beni li d-decujus f'ħajtu kien igawdi, imma li dwarhom huwa ma setgħax jiddisponi fiż-żmien tal-mewt tiegħu, l-għaliex dik id-dgawdija kienet tispiċċa bil-mewt tiegħu, dak l-istess dritt ta' dgawdija kien joħroġ mill-patrimonju tiegħu skond it-titolu li jkun ġiebu in eżistenza u ħolqu (ara art. 56(2) u 86(1) tal-Kap. 70);

2. Illi l-"estate duty" titħallas fuq il-proprjetà kollha tad-decujus li tkun partikulari tiegħu u li minnha huwa seta' jiddisponi fiż-żmien tal-mewt tiegħu għal wara d-deċess tiegħu, iżda huma esklużi minn dak il-patrimonju dawk il-beni li huwa kellu u li kellhom jispiċċaw u joħorġu mill-patrimonju tiegħu mal-mewt (ara art. 56(1) u (2) Kap. 70);

3. Illi huwa wkoll minnu li fid-devoluzzjonijiet ta' proprjetà li minnha d-decujus ma kellux il-poter fil-ħajja li jiddisponi għal wara mewtu, din l-istess proprjetà devoluta għandha tiġi kunsidrata bħala assi għalieh, magħżul u mifrud mill-assi tal-mejjet (ara art. 86(1) u 87(1) Kap. 70), u fuq dak l-assi għalieh u separat trid titħallas "estate duty" skond l-ewwel skeda mdaħħla fil-liġi li fuqha qegħdin nitkellmu, differenti minn dik li titħallas għall-istess taxxa fuq l-assi partikulari tad-decujus (art. 86(2) Kap. 70); imma t-taxxa fuq dawk il-beni konsolidati tmiss lil dawk li favur tagħhom jgħaddi l-użufrutt jew dgawdija, skond l-art. 91(2) tal-istess liġi, jew lil dawk, tkompli tgħid il-liġi, li fihom issir il-konsolidazzjoni tal-użufrutt man-nuda proprjetà;

Ikkunsidrat;

Illi mill-art. 91(2) tal-liġi partikulari in diskorso, u mill-prinċipji li jirregolaw u jiġġustifikaw il-liġijiet tribu-

tarji, jidher li d-devoluzzjoni ta' proprjetà tassoġġetta kontribwenti għat-taxxa in kwantu li favur tiegħu tkun bil-mewt ta' persuna oħra għaddiet fih il-proprjetà devoluta, u kwindi, meta liċ-ċittadin privat ma tmiss ebda proprjetà bil-mewt ta' persuna oħra, huwa ma għandux jikkontribwixxi għall-ebda tribut; jew, jekk fil-kontinġenza tal-mewt ta' persuna oħra tmissu biss parti mid-devoluzzjoni tal-proprjetà tagħha, huwa, se maj, għandu jikkontribwixxi mit-tribut dovut fil-miżura li tgħaddi favur tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi, fil-każ in diżamina, il-liġi speċjali hija kompletament siekta dwar kif għandha tiġi regolata t-taxxa jekk fil-persuna li tiġi nieqsa bil-mewt tagħha jiġu jiċċessaw użufrutti diversi, li individwalment jitnisslu minn titoli separati, u li l-konsolidazzjonijiet tagħhom rispettivi jkunu jispettaw lill-eredi benefiċjati jew kjamati għall-eredità tal-primordjali istitwenti differenti; u huwa għalhekk li fl-ipotesi u kontinġenza sottomessa wieħed irid jirrikorri għall-prinċipji tad-Dritt Ċivili;

Illi, skond id-Dritt Ċivili, il-legat tal-użufrutt, kif fuq intqal, ma jiffurmaw parti mis-suċċessjoni tal-użufruttwarju deċess, iżda huwa marbut direttament mas-suċċessjoni tad-decujus li jkun iddispona mill-ħwejjeġ tiegħu, u ċjoè tant minn "nuda proprietas" kemm ukoll mill-użufrutt u godiment tal-beni tiegħu, b'mod li l-konsolidazzjoni tal-istess użufrutt issib ir-radiċi tagħha fid-dispożizzjoni tal-aħħar volontà tal-primittiv decujus;

Illi di fronti għal dan il-prinċipju indiskutibbli, ċivilment rikonoxxut u nkardinat fin-natura tal-istess dispożizzjoni testamentarja, il-konsolidazzjonijiet ta' diversi użufrutti risalenti għal titoli differenti, ta' individwi diversi li jkunu ġew neqsin għall-ħajja, u benefikanti eredi individwalment u familjarment estranei minn xulxin, ma jistgħux, fil-ħsieb konsiderat ta' din il-Qorti, jiġu kunsidrati bħala assi uniku u mifrud waħdani, imma għandhom rispettivament jiġu kalkulati kull użufrutt individwalment, bħala tant assijiet uniċi u separati skond il-persuni li primordjal-

ment ikunu istitwewhom fir-rispettivi attijiet tal-aħħar volontà tagħhom meta ddisponew mill-beni li lilhom kienu jappartjenu. Jekk huwa veru, mbgħad, kif ma jistax jiġi dubitat, li l-liġijiet tributarji għandhom ikunu nterpretati skond il-kliem letterali ċari — "verba edicti servire", id-diċitura tal-art. 91(2) Kap. 70 tissuffraga din l-interpretazzjoni, apparti li anki l-ġustizzja naturali u sostanzjali timmilita favur din il-konklużjoni; l-għaliex il-leġislatur, li, kif urejna fuq, ma riedx ikun inġust maċ-ċittadini privati f'dawn il-kontribuzzjonijiet soċjalment neċessarji, ma setgħax kellu fil-menti tiegħu li jġiegħel lill-kontribwenti jassoġġetta ruħu għal tribut intiż li jolqot mutazzjonijiet devoluttivi bil-fini tal-għajnuna ekonomika tal-Istat, li per sè ma jkunx jimporta għall-privat ebda mutazzjoni favorevoli; l-għaliex fuq il-konsolidament tal-użufrutt tal-eredi ta' Costantina Borg, fil-każ in diżamina, l-atturi ma kienu sejrin favur tagħhom jirritraw ebda vantaġġ patrimonjali, dak li fl-aħħar mill-aħħar timporta t-teżi konvenuta;

Illi, sabiex din il-Qorti ma tonqosx mid-dmirijiet tagħha, u fl-istess ħin tkun ġusta mal-konvenut nomine, tħoss li għandha tgħid, dwar l-argument imnissel mill-konvenut nomine mill-art. 92(1) tal-Kap. 70, li l-istess ma jirradikax il-prinċipju, kif ġie affermat b'enfasi kbira mill-konvenut nomine, li fil-konsolidazzjonijiet tal-użufrutti min jiret l-użufrutt huwa marbut direttament mal-użufruttwarju; l-għaliex wara li fl-art. 87(1) u (2) tal-Kap. 70 il-leġislatur iddetermina li l-konsolidazzjoni tal-użufrutt mal-proprjetà nuda li ssir bil-mewt tal-użufruttwarju, għall-finijiet ta' din il-liġi speċjali, kellha tiġi kunsidrata bħala assi għalieh, liema assi, skond il-valur ġust tiegħu hekk magħżul u mifrud, kellu jkun suġġett għat-taxxa fuqu ("estate duty"), u wara li fl-art. 91 indika min għandu jħallas dik l-"estate duty" (ċjoè dawk li favur tagħhom jgħaddi l-użufrutt jew dgawdija, jew li fihom issir il-konsolidazzjoni tal-użufrutt man-"nuda proprietas", li setgħu jkunu eredi jew legatarji tiegħu, jew wieħed jew l-ieħor minnhom, jew anki estranei jew barranin), meta fl-art. 92 għadda biex jimponi t-taxxa tas-suċċessjoni li hija dovuta mill-persuni fuq imsemmija skond ir-rati miġjubin fit-tieni skeda, tabilfors kellu jikkontempla l-parentela tad-debitur tat-taxxa mal-użufrut-

twarju, inkwantu fl-istess skeda tnejn għogħbu jiddetermina rati diversi għall-persuni hemm imsemmija, fosthom anki l-barranin, billi kien qiegħed jikkontempla t-taxxa tas-suċċessjoni. Dan il-fatt però ma jwassalx għall-konsegwenza li huwa (il-leġislatur) ħoloq rapport divers mid-Dritt Ċivili fir-rigwardi tal-materja suċċessorja, imma biss irregola r-rata tat-taxxa fl-interess tal-kontribwenti. Huwa ta' min josserva, mill-punto di vista tax-xjenza tal-formazzjoni tal-liġijiet, illi, kieku fil-menti tiegħu l-leġislatur kellu verament il-ħsieb li joħloq il-prinċipju li fil-konsolidazzjonijiet tal-użufrutti dik l-istess kompletazzjoni tal-proprjetà kellha tiġi kunsidrata bħala formanti parti mis-suċċessjoni tal-użufruttwarju, kontra d-Dritt Ċivili, ma kienx sejjer jgħidu u jaffermah indirettament fir-regolament tat-taxxa tas-suċċessjoni dwar dawn il-ħwejjeġ, imma kien indubbjament jasserieh b'artikolu appożitu bħala prinċipju fondamentali revokanti l-prinċipju adottat u aċċettat fid-Dritt Komuni. Dak li ċar ried il-leġislatur huwa li d-devoluzzjonijiet in parola li kien investit bihom l-użufruttwarju bla ebda poter li jiddisponi minnhom ma' mewtu, u li joħorġu mill-assi patrimonjali tiegħu mad-deċess tiegħu, għandhom ikunu kunsidrati bħala assijiet distinti u separati mill-assi tad-decujus, suġġett għat-taxxa fuq l-assi a karigu ta' min tgħaddi fih il-konsolidazzjoni u għat-taxxa tas-suċċessjoni regolabbli skond rati varjanti dipendenti mill-grad ta' parentela jew le tad-debitur tat-taxxa mal-użufruttwarju;

Illi kwindi, fil-ħsieb konsiderat ta' din il-Qorti, l-interpretazzjoni li ta l-konvenut nomine lill-art. 92(1) tal-liġi "de qua" ma tistax tinkontra l-favur tal-istess Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi kwindi tibqa' ferma l-konklużjoni li għaliha konsideratament waslet din il-Qorti, fis-sens li fil-konkors ta' diversi użufrutti fil-persuna tad-decujus risalenti għal titoli ta' persuni differenti favur eredi estranei minn xulxin, għandhom jiġu kunsidrati bħala tant assijiet distinti u separati skond il-primordjali testaturi li jkunu bl-attijiet tal-aħħar volontà rispettivi kkreawhom;

Ikkunsidrat;

Illi, in konsegwenza, it-taxxa imposta mill-konvenut nomine għandha tiġi riveduta u, analoġikament għall-konklużjoni li waslet għaliha din il-Qorti, korretta;

Ikkunsidrat;

Illi mill-attijiet tal-proċess jidher li l-konsolidazzjoni li saret u avverat ruħha fl-instanti tammonta għal £716. 4. 10 (ara dok. D fol. 23 u ta' wara). Fuq dan il-valur it-taxxa fuq l-assi, skond l-ewwel skeda oriġinali, kif emendata u sostitwita bis-sezzjoni 14 tal-Att VII tal-1948, u b'dik tas-sezzjoni 10 tal-Att LV tal-1948, għandha tiġi kalkulata bil-1% (one per cent), u ċjoè, hekk kalkulata, tammonta għal £7. 3. 3. Fuq din is-somma l-istanti jridu wkoll iħallsu l-interessi mill-jum tat-trasmissjoni (16 ta' Jannar 1953) sal-jum meta ħallsu t-taxxa (6 ta' Ottubru 1955), li bit-3% jammontaw għall 11s. 6d.;

Illi, in kwantu għat-taxxa tas-suċċessjoni, jingħad li l-instanti ma għandhom iħallsu xejn, l-għaliex skond l-art. 52(3) id-devoluzzjonijiet minħabba mewt ikunu meħlusin mit-taxxa meta l-valur totali nett tal-assi kollu ma jkunx iżjed minn £1000, u fil-każ in diżamina l-assi kollu ma jeċċedix l-£1000, kif jidher mill-attijiet;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, prevja l-korrezzjoni tal-att taċ-ċitazzjoni fis-sens li s-sena tal-mewt ta' Elena armla ta' Ruggero Borg, f'lok fl-annu 1955, tiġi sostitwita bl-annu 1953, billi tilqa' t-talba attriċi in kwantu għad-dikjarazzjoni mitluba; tirrivedi u tikkoreġi analoġikament, kif fuq intqal fil-paragrafu preċedenti, it-taxxa in kwistjoni; u tikkundanna lill-konvenut nomine jirrestitwixxi lill-instanti l-ammont ta' £98. 17. 10 li huwa żamm in eċċess tat-taxxa; bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut nomine.